MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 907/2008

Carmelo Curcuruto.

Vs

Paul Borg f'ismu proprju u f'isem Meadows & Co, jew min minnhom.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u tnax-il ewro u sitta u erbghin centezmu (€512.46) minghand il-konvenuti jew min minnhom, rapprezentanti depozitu mhallas mill-istess attur lill-konvenut meta kien qed jikri l-appartament Meadows 44, Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar minghand il-konvenut. Bl-imghax mid-data ta' tmiem il-kirja u bl-ispejjes kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma ta' hames mija u tnax-il ewro u sitta u erbghin centezmu (€512.46), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------